Eŭropa Esperanto-Unio, Avenue Louise 405, bte 9, BE-1050 Bruselo, Belgio www.europo.eu

**Informazzjoni għall-Gazzetti bil-Malti**

**Inizjattiva taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea tal-Esperanto**
**''Inħajru għall-kant tal-Innu Ewropew bl-Esperanto''**

Skont id-dritt mogħti liċ-ċittadini mit-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni Ewropea tal-Esperanto lbieraħ issottomettiet dil-proposta biex tkun irreġistrata mill-Kummissjoni Ewropea:
L-Unjoni Ewropea tal-Esperanto tirrikkmanda li l-Innu tal-Ewropa jitkanta b'lirika bl-Esperanto, meta ċ-ċittadini jixtiequ jesprimu l-identità Ewropea komuni tagħhom.
L-oġġettivi tal-inizjattiva ptroposta huma dawn:
1. biex issaħħaħ l-identità komuni Ewropea flimkien ma' identitajiet nazzjonali, reġjonali u oħrajn, u b'hekk l-Unjoni Ewropea tkun aktar effetiva għaċ-ċittadini;
2. biex titkabbar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadin fl-integrazzjoni Ewropea;
3. biex tgħin ħalli (1) u (2) iseħħu, billi tipprovdi lirika f'lingwa newtrali li tgħaqqad, biex iċ-ċittadini jkantawha flimkien;
4.biex tiżgura l-istess stima tal-lingwi Ewropej kollha;
5. biex tikkonferma u terġa' tqarreb iż-żewġ elementi tal-motto tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri "għaqda fid-diversità", biex tiżgura li d-diversità ma tirbaħx fuq l-unità.

Il-kumitat li qed imexxi dan kollu fih seba' membri li ġejjin minn seba' pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea, fosthom ir-rebbieħ tal-premju Nobel, il-Prof. Reinhard Selten (Ġermanja), u l-magħruf politiku Marco Pannella (Italja).

Il-lirika tal-verżjoni bl-Esperanto tal-Innu tradizzjonali Ewropew wieħed jista' jismagħha minn http://www.europo.eu/en/european-anthem, minn fejn wieħed jista' jiddawnlowdja t-traduzzjonijiet tat-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u lingwi oħra (bħal dawk Ċiniża, Għarbija, Russa, Ġappuniża, Indjana, Bengali, Indoneżjana). L-Unjoni Esperantista Ewropea lesta tilqa' taduzzjonijiet b'lingwi oħra. Il-Kummissjoni Ewropea issa għandha xahrejn biex tiddeċiedi jekk tirreġistrax il-proposta. Jekk il-Kummissjoni taqbel li l-proposta tista' tgħin aħjar l-implementazzjoni tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea , u li hu fil-kompetenza tagħha taħt it-Trattati, imbagħad min-naħa tagħha l-Unjoni Ewropea tal-Esperanto jkollha tnax-il xahar biex tiġbor il-miljun firma mis-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea biex tgħin lill-Kummissjoni Ewropea tikkonsidra r-rakomandazzjonijiet. Wieħed ikun jista' jiffirma l-proposta elettronikament.

Għal aktar informazzjoni, ikteb lil:
sean.oriain@web.de (0032496-597763) jozef.reinvart@gmail.com

Brussel, 2 ta' April 2012.